**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru 2001**

Citazzjoni numru 107/00

Marisa mart George Scerri

-vs-

It-Tabib Dottor Salvino Galea

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-15 ta' Gunju 2000 li ppremettiet:

"illi hija komproprjetajra flimkien mal-konvenut u Grace mart John Mizzi ta' l-arja sovrastanti korp ta' bini konsistenti fi tliet appartamenti u tliet garages, liema blokk huwa markat bin-numru ghaxra (10), fi triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex;

illi l-konvenut Salvino Galea ghamel jew ippermetta li jsiru zewgt icmieni fuq l-oghla bejt mill-appartament fil-pussess tieghu li jinsab fir-raba u l-ahhar sular ossia fit-third floor level, liema cmieni huma gholjin madwar hmistax-il pied mill-invell ta' l-oghla bejn u sabiex ghadda dawn ic-cmieni huwa taqqab ukoll il-bejt;

illi dan ix-xoghol u dawn ic-cmieni saru minghajr il-kunsens u bi ksur tad-drittijiet ta' l-attrici.

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex inehhi dawn ic-cmieni minn fuq l-oghla bejt huwa baqa' inadempjenti;

Talbet lill-Qorti li:

1. tiddikjara li c-cmieni li saru mill-konvenut jew li l-konvenut ippermetta li jsiru fuq il-bejt tal-blokk ta' bini numru 10, Triq ir-Repubblika, Victoria, li huwa proprjeta' komuni, saru bi ksur u pregudizzju tad-drittijiet ta' l-attrici;

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti huwa jnehhi c-cmieni u jerga jaghlaq mill-gdid it-toqob li ghamel fis-saqaf ta' l-oghla bejt ezistenti.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament l-gurdizzju mhux integru peress illi kif tispjega l-istess attrici fic-citazzjoni taghha, l-arja jew ahjar il-bejt mertu tal-kawza jappartjeni ukoll lil Grace mart John Mizzi li ghalhekk kellha tigi inkluza jew bhala attrici jew bhala konvenuta f'din il-kawza. Ghalhekk l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attrici;

Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari jeccepixxi illi mhux veru illi biz-zewg cmieni li ghamel fuq il-bejt huwa kiser u ppregudika d-drittijiet ta' l-attrici u li fi kwalunkwe kaz dawn ic-cmieni saru bl-approvazzjoni ta' tnejn minn tliet koproprjetarji ma huma jippregudikaw lill-attrici bl-ebda mod. Ghalhekk skond l-artikolu 494(2) tal-Kodici Civili l-Qorti ghandha meta ma hemmx ebda pregudizzju ghal min ikun qed jilmenta taccetta l-opinjoni tal-maggoranza tal-koproprejtarji.

Illi ghalhekk d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza sa dan l-istajdu.

Ezaminat ukoll in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attrici.

Ikkonsidrat:

Din hi sentenza parzjali dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ossija dwar l-integrita o meno tal-gudizzju u dana skond verbal tat-8 ta' Marzu 2001.

Il-konvenut in via preliminari issolleva li l-gudizzju mhux integru "peress illi kif tispjega l-istess attrici fic-citazzjoni taghha, l-arja jew ahjar il-bejt

meritu tal-kawza, jappartjeni ukoll lil Grace mart John Mizzi li ghalhekk kellha tigi inkluza jew bhala attrici jew bhala konvenuta f'dik il-kawza".

Dan il-fatt ta' komproprjetarji ohra fil-korp ta' bini meritu dina l-kawza huwa mistqarr ukoll fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici akkompanjanti c-citazzjoni.

F'dan l-istadju, hu ovvju, il-Qorti ghandha biss tippronuncja ruhha dwar jekk il-komproprjetarja l-ohra kellhiex tiddahhal fil-kawza jew bhala attrici jew konvenuta kif qieghed jippretendi l-konvenut.

Din il-Qorti tghid illi fil-kaz in dizamine l-kwistjoni ta' l-integrita' tal-gudizzju mhix eccezzjoni sostenibbli stante li trattandosi ta' haga detenuta in komuni l-ligi taghti espressament id-dritt lil kull komproprjetarju li jopponi ghal kull alterazzjoni fil-haga komuni li ssir minghajr il-kunsens tieghu. L-artikolu 493 tal-Kodici Civili huwa car fl-enunjazzjoni ta' dan il-principju. Kwindi hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-gudizzju hu integru kif gie impustat.

Ghaldaqstant tiddeciedi li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur